**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 8 – IT-TLIETA, 21 TA' APRIL 2015**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfreda Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużat: | Joe Micallef | Membru |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 7 kienu meqjusa moqrija.

1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON**

2.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet talba għal *sleeping policeman* fi Triq Santa Klara. Il-Kumitat Amministrattiv ma jsib l-ebda oġġezzjoni li ssir, madankollu ma taqax taħt ir-responsabilità tal-Kumitat.

2.2. Iċ-*Chairperson* semmiet it-talba mingħand Las Palmas sabiex iżid l-imwejjed u s-siġġijiet quddiem il-ħanut tiegħu. F'dan ir-rigward il-Kumitat Amministrattiv ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm jitħalla passaġġ liberu għal dawk li jużaw il-bankina.

**3. RAPPORT FINANZJARJU**

3.1. Il-Kumitat Amministrattiv ġie ppreżentat bir-rapport finanzjarju, li jibqa' sejjer sa April 2015.

3.2. Iċ-*Chairperson* qalet li b'riflessjoni għal-*budget* tal-Kumitat Amministrattiv ma jkunx għaqli li jorganizzaw l-attività Arts in The Park din is-sena.

3.3. F'dan id-dawl is-Sinj. Abela bħala parti mis-sottokumitat tal-attivitajiet se titkellem mas-Sur Archibald Attard biex tinfurmah li l-attività Arts in The Park mhix se ssir.

**4. IL-ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI**

4.1. Iċ-*Chairperson* infurmat li l-bieb tal-*mini pitch* jinsab magħluq, imsakkar b'katnazz.

4.2. F'dan id-dawl il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat lill-ħaddiema jaraw il-katnazz hux tal-Kunsill, jekk fin-negattiv, ikissruh u jagħmlu ieħor filwaqt li jsakkru l-*mini pitch* mill-ġdid.

4.3. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li l-funtana mhix taħdem.

## 5. IL-BANKINI FI TRIQ XATT IL-PALM

5.1. Il-Kumitat ikkunsidra xi xogħlijiet meħtieġa fuq il-bankina fi Triq Xatt il-Palm.

5.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-idea li jiġi propost proġett għaż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq u l-fondi jittieħdu mill-fond li l-Kunsill Lokali In-Naxxar għandu tal-U.I.F.

5.3. Is-SE esprima l-fehma, li l-ewwel għandu jkun iffinalizzat il-proġett ta' Triq il-Kosta, imbagħad il-Kumitat Amministrattiv ikun jista' jaħdem b'mod aktar konkrett fuq l-proġett. Dan għaliex l-istess Kumitat wera x-xewqa li l-proġett jikkonċerna l-ġnien ta' Triq Xatt il-Palm. Il-Kumitat qabel.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1. Is-Sinj. Muscat semmiet li fi triqtha, quddiem darha kien hemm vann kbir li tħalla għal ġimgħa sħiħa fl-istess post.

6.2. Hija ssuspettat li kien misruq. Kien għalhekk li ċemplet lill-kumpanija rispettiva sabiex titkixxef dwar dan. Min-naħa tal-kumpanija qalulha li dan għandu jitneħħa fil-jiem segwenti.

6.3. Kien hemm qbil unanimu sabiex nitkellmu mal-E.L.C. sabiex jagħti kas il-qagħda tal-ġonna f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dan għaliex ġie nnotat li hemm telqa f'dan ir-rigward. Issemmew b'mod partikolari l-ħtieġa tal-qtugħ tal-ħaxix tal-ġnien f'Xatt il-Palm, il-qtugħ tal-ħaxix tas-central strips f'AM Caruana u t-tħawwil ta' fjuri fir-rawndebawt f'AM Caruana.

6.4. Il-Kumitat esprima x-xewqa tiegħu li mmexxu fuq it-tabelli tal-ismijiet tat-toroq. Kien għalhekk li se sejħa oħra għall-offerti għal dan il-għan.

6.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm tabella fi Triq AM Caruana bħala indikazzjoni għas-sewwieqa taż-żwiemel sabiex jiġbru l-ħmieġ taż-żwiemel tagħhom li sfat nieqsa. Il-Kunsill se jieħu ħsieb jordna oħra.

6.6. Is-Sinj. Muscat infurmat lill-Kunsill li l-*bin* ta' quddiem dar Nru 26 fi Triq Xatt il-Palm għandu l-barmil bla qiegħ.

6.7. Is-Sinj. Muscat talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat ittra lir-residenti ta' dar Nru 17, Oriana fi Triq ix-Xambekk sabiex jiżbru s-siġra li qiegħda xxebblek fuq il-bankina.

6.8. Is-Sinj. Muscat talbet lill-Kunsill sabiex jibgħat lill-ħaddiema jagħmlu xogħol ta' *refreshing* tal-marki tat-traffiku fi Triq Xatt il-Palm.

6.9. Is-Sinj. Cuomo nfurmat lill-Kunsill li Triq Edward Pirotta m'għandhiex tabella li turi t-triq x'jisimha. Għaldaqstant dan tal-aħħar ġie mitlub sabiex jordna tabella u jagħmilha fil-bidu tat-triq.

6.10. Iċ-*Chairperson* infurmat li fi Triq il-Lampara, viċin dar 104, hemm xi garaxxijiet li mhumiex jintużaw bħala tali; dan minkejja li għandhom saħansitra r-ranep. Kien hemm qbil bejn is-Sinj. Cuomo u s-SE li għandhom jaraw din is-sitwazzjoni meta s-SE jinżel f'Baħar iċ-Ċagħaq.

6.11. Is-Sinj. Muscat esprimiet ix-xewqa tagħha sabiex issir ATM fiż-żona ta' Baħar ic-Ċagħaq. Is-SE infurmaha li, għalkemm ma jsib l-ebda diffikultà li jagħmel it-talba, hija diffiċli ħafna li tkun milquha.

6.12. Is-Sinj. Cuomo semmiet li għall-ħarġa kulturali li saret proprju fil-21 ta' April 2015 kien hemm rispons pożittiv ħafna. Fil-fatt issemma li b'kollox kien hemm 25 persuna li attendew.

6.13. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-*bis* ta' Triq il-Lampara għadhom ma tpoġġewx.

6.14. Is-Sinj. Muscat żiedet ma' dan u nfurmat li l-*bis* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi tpoġġew iżda mhux fil-post oriġinali.

6.15. Is-Sinj. Muscat resqet it-talba tagħha sabiex isir *dog foul bin* fi Triq ix-Xambekk maġenb il-Knisja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan u hekk il-Kunsill intalab sabiex jikseb l-istimi u jmexxi b'din l-odrni.

6.16. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-ħtieġa sabiex immexxu fuq it-tabelli tal-ġnien Santa Marija tal-Anġli.

## 7. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

7.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar It-Tlieta 26 ta' Mejju, 2015 għal-5:30pm.

7.2. Il-laqgħa ntemmet fit-7:45pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |